MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 294/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjetà estera CGU Insurance Plc., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Philip Pace u l-istess Philip Pace u b'Nota tas-7 ta' Awissu 2003 is-socjetà GasanMamo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Philip Pace, assumiet l-atti tal-kawza minflok GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjetà estera CGU Insurance plc., kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Philip Pace**

**Vs**

**Annunziato D'Amato**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà GasanMamo Insurance Limited u Philip Pace permezz ta’ liema jitolbu li l-Qorti: (i) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnhom bhala konsegwenza ta’ l-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta’ Mejju 2000 f’ Marsascala meta l-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni ABB-452, minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traiffku, habat mal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 proprjetà ta’ l-attur, assikurat tas-socjetà attrici, u ikkaguna hsara konsiderevoli f’din il-vettura; (ii) tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà attrici fl-ammont ta’ elf tmien mija tlieta u disghin Lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,893.55) – ekwivalenti ghal €4,410.78 – jew somma ohra verjuri, u dawk ta’ l-attur Philip Pace fl-ammont ta’ mija u hamsin Lira Maltija (Lm150) – ekwivalenti ghal €349.40 – okkorrendo b’opra ta’ periti nominandi; u (iii) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma’ l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal hmistax-il Lira Maltija (Lm15) ekwivalenti ghal €34.94, ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Gunju 2000 u ta’ l-ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta’ liema jeccepixxi li t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom, stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni sehh minghajr ebda traskuragni, negligenza, imperizja jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, u li fi kwalunkwe kaz jehtieg li tingieb il-prova tad-danni pretizi mill-atturi;

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici b’Nota pprezentata fit-13 ta’ Ottubru 2003, senjatament is-survey report relattiv ghall-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258, kopja tal-kontijiet relattivi ghat-tiswija ta’ l-imsemmija vettura, inkluz l-ispejjez tas-survey report u tar-Road Accident Report, minn liema jirrizulta li d-danni pretizi mill-atturi jammonaw ghal Lm2,043.35 –

ekwivalenti ghal €4,759.72 – liema somma tinkludi l-excess ta’ Lm150[1];

Semghet ix-xhieda ta’ PS 1330 Alexander Schembri moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2005[2] u rat id-dokumenti minnu esebiti (ir-Road Accident Report u *sketch* relattivi ghall-incident mertu tal-kontestazzjoni) a fol. 68 sa’ 72 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Melanie Pace moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ April 2005[3] u ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tal-25 ta’ Marzu 2009[4] u tat-22 ta’ Gunju 2009[5], u rat ir-ritratti esebiti mis-socjetà attrici b’Nota pprezentata fis-27 ta’ Mejju 2009[6];

Semghet it-trattazjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni odjerna tittratta dwar incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta’ Mejju 2000 fi Triq il-Qaliet, Marsascala, ghall-habta ta’ 1:45a.m., bejn il-vettura tal-marka Suzuki Samurai bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 proprjetà ta’ l-attur Philip Pace u assikurata mas-socjetà attrici, u l-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-Numru tar-Registrazzjoni ABB-452, dakinhar ta’ l-incident misjuqa mill-konvenut Annunziato D’Amato. L-atturi jikkontendu li l-incident tat-traffiku imsemmi sehh b’tort tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku da parte tieghu, u jippretendu li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minnhom sofferti: fis-somma ta’ Lm1,893.55 (ekwivalenti ghal €4,410.78) in kwantu rigwarda s-socjetà attrici u fis-somma ta’ Lm150 (ekwivalenti ghal €349.40) in kwantu rigwarda l-attur Philip Pace. Il-konvenut jilqa’ ghall-pretensjoni u konsegwenti

[1] Fol. 40 sa’ 48 tal-process.
[2] Fol. 66 sa’ 67 tal-process.
[3] Fol. 79 sa’ 82 tal-process.
[4] Fol. 95 sa’ 98 tal-process.
[5] Fol. 110 sa’ 111 tal-process.
[6] Fol. 102 sa’ 108 tal-process.

talba ta’ l-atturi bl-eccezzjoni li l-incident mertu tal-kontestazzjoni sehh minghajr ebda traskuragni, negligenza, imperizja jew non-osservanza tar-Regolamenti tat-Traffiku da parte tieghu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li dakinhar tas-7 ta’ Mejju 2000 il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 kienet misjuqa minn Melanie Pace, bint l-attur Philip Pace, u kienet involuta f’incident tat-traffiku ma’ zewg vetturi: l-ewwel mal-vettura tal-marka Morris Marina bin-Numru tar-Regitrsazzjoni AAV-338 proprjetà ta’ certu William Mallia (mhux parti f’din il-kawza) li kienet ipparkjata fi Triq il-Qaliet, Marsascala, u ftit tal-hin wara mal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni ABB-452 misjuqa mill-konvenut.

Pace kienet ghaddejja minn Triq il-Qaliet, Marsascala, mid-direzzjoni tac-Cerviola Hotel lejn id-direzzjoni ta’ Pjazza Mifsud Bonnici, u x’hin applikat il-*brakes*, peress illi Triq il-Qaliet hi in parti ghan-nizla, il-vettura taghha skidjat bil-konsegwenza li habtet fil-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni AAV-338 li, kif inghad, kienet ipparkjata fi Triq il-Qaliet. Ftit wara din il-habta l-vettura misjuqa minn Pace sfat milquta mill-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni ABB-452 misjuqa mill-konvenut, li wkoll kien gej mid-direzzjoni tac-Cerviola Hotel lejn id-direzzjoni ta’ Pjazza Mifsud Bonnici.

L-atturi jikkontendu li l-kollizzjoni bejn il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 misjuqa minn Melanie Pace u l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni ABB-452 misjuqa mill-konvenut, sehhet b’tort tal-konvenut ghaliex ma kienx qed izomm *a proper look out* u ghaliex ma kienx qed isuq skond il-kondizzjonijet tat-triq. Jikkontendu li prova tas-sewqan negligenti tal-konvenut tohrog mill-fatt li l-vettura tieghu skidjat u mill-fatt li huwa habat go vettura li dak il-hin kienet wieqfa. Il-konvenut kategorikament jichad li huwa jahti ghal din il-kollizzjoni u jikkontendi li minhabba l-konfigurazzjoni ta’ Triq il-Qaliet huwa seta’ jara x’kien hemm fit-triq fil-parti ghan-nizla biss meta jaqbad in-nizla u mhux minn hafna qabel. Apparte minhekk Triq il-Qaliet kienet fiz-zmien ta’ l-incident mhux mdawla sew u peress illi l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 kienet

wieqfa *at right angles,* id-dawl tal-*headlamps* ftit li xejn kien ta ghajnuna biex jaghmilha vizibbli ghall-utenti l-ohra tat-triq. Huwa jattribwixxi l-fatt li skiddja ghal *force majeur* u mhux ghal xi negligenza da parte tieghu u jikkontendi li biex jghaddi minn wara l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 kien ikollu jghaddi fuq in-naha l-hazina tat-triq in vjolazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku.

Wara li qieset il-provi prodotti u l-atti processwali l-Qorti hi tal-fehma li kontra dak pretiz mill-atturi, il-konvenut bl-ebda mod ma jahti ghall-kollizzjoni li sehhet bejn il-vettura misjuqa minnu u l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258.

Ic-cirkostanzi li jikkaratterizzaw il-kaz in ezami huma s-segwenti: triq, ossia Triq il-Qaliet f'Marsascala li, ghall-inqas fiz-zmien meta sehh l-incident mertu tal-kontestazzjoni, ma kenitx imdawla sew, dan kif affermat mill-konvenut[7] u ikkonfermat minn PS 1330 Alexander Schembri, l-ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kollizzjonijiet[8]; vettura wieqfa angolata fit-triq u tostakola l-karreggjata li mid-direzzjoni tac-Cerviola Hotel taghti ghal Pjazza Mifsud Bonnici, minghajr il-*hazard lights* mixghulin[9], fatt dan affermat mill-konvenut u mhux kontradett mill-atturi; u il-wicc tat-triq jizloq minhabba x-xita, fatt dan affermat kemm minn Melanie Pace[10] kif ukoll mill-konvenut u kkonfermat minn PS 1330 Alexander Schembri.

Kif già osservat, l-atturi jikkontendu li l-konvenut ma zammx *a proper look out* bil-konsegwenza li habat fil-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258, fatt dan michud mill-istess konvenut.

Id-dover tas-sewwieq li jzomm *a proper* jew *reasonable look out* jfisser li s-sewwieq ghandu jara dak li hu ragonevolment vizibbli. In effetti *a proper* jew *reasonable*

---

[7] Xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2009, fol. 95 sa' 98 tal-process.
[8] Xhieda moghtija minn PS 1330 Alexander Schembri waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2005, fol. 66 sa' 67 tal-process.
[9] Regolament 137 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq.
[10] Xhieda moghtija minn Melanie Pace waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2005, fol.79 sa' 82 tal-process.

*look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view… "The duty to look implies the duty to see what is in plain view" [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec. 54] "Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side [Mewhaus vs Bastion Insurance Limited]*[11].

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-konvenut ma zammx *a proper* jew *reasonable look out*, anzi piuttost il-kuntrarju. In fatti mix-xhieda tal-konvenut johrog b'mod car li ghalkemm Triq il-Qaliet ma kenitx, fiz-zmien ta' l-incident, mdawla sew u l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 kienet wieqfa angolata u tostakola t-triq fil-parti li hija ghan-nizla minghajr imqar il-*hazard lights* mixghulin – jigifieri ma kenitx ragonevolment vizibbli jew *in plain view* – huwa ra l-vettura u li kienet qed tostakolalu l-karreggjata w ipprova jevitaha. Mill-provi ma jirrizultax li l-kollizzjoni bejn iz-zewg vetturi sehhet ghaliex il-konvenut ma rax il-vettura l-ohra, izda sehhet ghaliex hekk kif il-konvenut ghafas il-*brakes* biex jimmanuvra halli jevita dik l-istess vettura li kienet qed tostakolalu l-karreggjata, huwa skiddja bil-konsegwenza li habat f'dik l-istess vettura.

L-atturi jikkontendu li l-fatt li l-konvenut skiddja hekk kif applika l-*brakes* juri bic-car li huwa ma kienx qed isuq skond il-kondizzjonijiet tat-triq li, f'dak il-hin kienet tizloq minhabba x-xita.  Hawn ukoll però l-Qorti ma taqbilx ma' tali pretensjoni ta' l-atturi.

Kif ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali *skid wahedha ma hijiex la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti – hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti (p.e. speed zejjed, applikazzjoni bruska tal-brakes, tyres bil-grooves mikulin, fatturi li jghinu l-iskidding, barra ohrajn). Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbiltà l-*

[11] Emanuel Zahra v. Patrick Vassallo, Citaz. Nru. 562/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2003.

*istess, nonostanti l-iskid, jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija 'a good defence' ghax tkun 'inevitalbe accident'* – **Il-Pulizija v. Carmel Cachia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Dicembru 1954, **Il-Pulizija v. Felice Mangion**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Settembru 1949 u **ALM Enterprises Limited v. Prof. Roger Ellul Micallef et**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Jannar 2000.

*Skid per sè, izolament, hija cirkostanza newtrali, li la hija difiza u anqas hija evidenza ta' negligenza. Skid tista' tigri nonostante li d-driver jiehu prekawzjoni; tista' tigri minhabba n-negligenza ta' utent iehor tat-triq, u tista' tigri minhabba negligenza konsistenti fin-nuqqas ta' prekawzjoni tad-driver li l-karozza tieghu skiddjat. Ghalhekk, hemm bzonn li, minbarra l-fatt semplici ta' l-iskid, ikun hemm prova ta' negligenza biex ikun hemm responsabbiltà*[12]*.*

Mill-provi prodotti l-Qorti ma tista tirravisa ebda negligenza antecedenti jew konkomitanti da parte tal-konvenut. Ma jirrizultax li l-konvenut kien ghaddej b' velocità eccessiva u lanqas jirrizultaw fatturi ohra li jindikaw u wisq inqas jippruvaw li huwa ma kienx qed isqu skond il-kondizzjoni tat-triq. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut skiddja kif applika l-*brakes* minhabba l-fatt li l-art kienet tizloq minhabba x-xita, fatt dan li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jahtix ghalih l-istess konvenut.

Ghalkemm huwa veru li meta tkun ix-xita skid huwa iktar possibbli u s-sewqan ghalhekk ghandu jkun hafna aktar prudenti, wiehed ma jridx jinsa li fil-kaz in ezami l-konvenut gie rinfaccjat b'vettura wieqfa fit-triq tostakolalu t-tragitt tieghu. Fit-test "Driving: Ministry of Transport Manual" jinghad li skid ma huwiex probabli, hi kemm hi mxarrba t-triq, meta *a car is going steadily along a level road where there are no junctions, bends or traffic*[13], u zzid din il-Qorti, ostakoli fin-nofs. Minn dan isegwi li fic-

---

[12] Mary Grace Ebejer v. Christopher Gatt, Citaz. Nru. 1023/99, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Gunju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Gunju 2002.
[13] Sottolinear tal-Qorti.

cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn Triq il-Qaliet ma hijiex kollha *a level road*, ma kenitx fiz-zmien ta' l-incident imdawla sew u l-karreggjata li kien ghaddej minnha l-konvenut kienet ostakolata minn vettura wieqfa minghajr imqar il-*hazard lights* mixghulin, il-fatt li l-konvenut skiddja kif ipprova japplika l-*brakes* biex jimmanuvra madwar il-vettura wieqfa kien prattikament inevitabbli.

Il-fatt li l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 kienet wieqfa qabel ma l-konvenut habat fiha ma jwassalx, fil-kaz in ezami, ghall-applikazzjoni tal-principju li *when a stationery car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable*[14] u dana billi dik l-istess vettura kjarament kienet qed tohloq ostakolu ghall-konvenut f'kondizzjonijiet tat-triq – bejn zlieq minhabba x-xita u nuqqas ta' dawl – mhux tajbin hafna. Jigi ribadit li c-cirkostanzi kienu tali li din il-kollizzjoni kienet inevitabbli minkejja l-prekawzzjonijiet u l-*evasive action* li ipprova jiehu l-konvenut.

L-atturi jargumentaw ukoll illi l-konvenut seta' facilment jevita l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 billi jghaddi minn warajha peress illi Triq il-Qaliet hija wiesgha bizzejjed biex seta' jkompli ghaddej minghajr konsegwenzi, iktar u iktar meta ma kienx ghaddej hafna traffiku. Hawn ukoll il-Qorti ma taqbilx ma din il-pretensjoni ta' l-atturi ghaliex apparte l-fatt li biex jaghmel hekk il-konvenut kien ikollu jghaddi fuq in-naha l-hazina tat-triq f'sitwazzjoni li già kienet mhux mill-ahjar, japplika l-principju li f'kaz ta' *sudden emergency*, u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz – senjatament in-nuqqas ta' dawl fit-triq u iz-zlieq minhabba x-xita u vettura timblokka l-karreggjata – il-Qorti tqis is-sitwazzjoni bhala *sudden emergency*, mhux kull persuna f'tali mument tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u tevita kollizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li l-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Mejju 2000, fi Triq il-Qaliet, Marsascala, ghall-habta ta' 1:45a.m., bejn il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BAG-258 u l-vettura bin-Numru tar-

[14] Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases, page 73, Section 90.

Registrazzjoni ABB-452, ma sehhx minhabba negligenza, imperizja jew nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet ta’ l-atturi.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------